MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 929/2000/1

**Carmela GALEA**

**vs**

**Evelyn JONES armla, Dolores Galea armla, Philip Galea u Victoria mart il-Perit Andre’ Żammit, f’isimha proprju u bħala mandatarja tal-assenti Dottor Alex Galea M.D., u martu Gail Galea, Margaret Zuluaf mart Helmut, u l-istess Helmut Zulauf u Susan Rhodda mart Peter u l-istess Peter Roddha, u kif ukoll l-istess Perit Andre’ Żammit għal kull interess li jista’ jkollu.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta’ Mejju, 2000, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-konvenuti kienu ottjenew sentenza mill-Bord li Jirregola l- Kera fit-12 ta’ Jannar, 2000 fl-ismijiet Evelyn

Jones pro et noe vs Jason Galea noe et liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell deċiża fl-14 t'April, 2000 fl-istess ismijiet fejn Joseph Galea ġie ordnat jizgombra mill-fond 476, Tower Bar, High Street, St. Venera liema sentenzi huma hawn anness u mmarkati bħala Dok. A u B rispettivament;

Illi l-attriċi hija mart l-imsemmi Joseph Galea u li l-kirja ta' dan il-fond kienet saret originarjament lill-missierha Gaetano Magri liema kirja sussegwentement kienet ġiet trasferta għal fuqha u fuq żewgha wara li dawn kienu iżżewgu;

Illi l-kawża ta' żgumbrament mill-imsemmi fond saret biss kontra żewgha u mhux kontriha ukoll skond ma titlob il-liġi u għalhekk ma kenitx tifforma parti mill-proċeduri fuq riferiti;

Illi għalhekk dawn is-sentenzi fuq indikati mhumiex esegwibbli fil-konfront tagħha u ma tagħmilx stat fil-konfront tagħha;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li s-sentenzi mogħtija fit-12 ta' Jannar, 2000 mill-Bord li Jirregola l-Kera u fl-14 t'April, 2000 mill-Qorti ta' l-Appell ma jagħmlux stat fil-konfront tagħha billi hija ma kenitx parti f'dawk il-proċeduri; u

2. Sussegwentement kull mandat li jinħareg kontra l-attriċi in konnessjoni mas-sentenzi hawn fuq indikati mhuwiex esegwibbli kontriha stante li hi ma kenitx tifforma parti mill- istess sentenzi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-18 ta' Jannar, 2001, li biha l-imħarrkin eċċepew:

1. Illi preliminarjament id-dezerzjoni tal-kawża ai termini tal-artikolu 963 et seq tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-proċeduri bil-miktub ma ingħalqux fi żmien sitt xhur minħabba li l-attriċi ma ħadetx ħsieb li tinnotifika lill-eċċipjenti biċ-ċitazzjoni entro dat-terminu;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, in-nullita' taċ-ċitazzjoni, stante li din ma setgħetx tiġi proposta mill-attriċi li hi mara miżżewga waħeda skond l-art. 1322 tal-Kap. 16;

3. Illi subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għax huma intiżi biss biex jiffrustraw sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera diretta kontra l-inkwilin ta' fond kummerċjali li kienet il-leġittimu kontradditur f'dik il-kawża, u li kienet il-persuna li kontra tagħha ġie spedit il- mandat ta' zgumbrament;

4. Illi qatt ma issemma jew biss ġie aċċennat f'dik il-kawża li issa għaddiet in gudikat li l-kirja originali kienet tgħajjat lill-missier l-attriċi u f'kull każ meta il-kirja ma baqgħatex f'idejh ġiet ċeduta lill-konvenut fil-kawża u ċioe' Joseph Galea żewġ l-attriċi li qatt ma issoleva l-eċċezzjoni li ma kienx il-leġittimu kontradittur;

5. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat is-Sentenza tagħha tat-18 t'April, 2002[1], li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrkin dwar jekk il-kawża marritx deżerta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-imħarrkin dwar jekk l-attriċi, mara miżżewġa, setgħetx tressaq waħedha din l-azzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 t'Ottubru, 2002, li bih u fuq talba tal-attriċi, tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' riferenzi dwar l-eċċezzjoni taħt eżami;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fl-4 ta' Novembru, 2002[2], dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda Nota ta' Tweġiba, minkejja li l-avukat difensur tagħhom ingħatat kopja in-Nota ta' l-attriċi;

Rat mill-ġdid l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 t'Ottubru, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi f'din il-kawża l-attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li deċiżjoni mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Jannar, 2000, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 t'April, 2000, ma jorbtuhiex għaliex ma kinitx parti f'dawk l-atti. L-imsemmija deċiżjonijiet jirrigwardaw talba

[1] Paġġ. 49 sa 57 tal-proċess
[2] Paġġ. 62 sa 72 tal-proċess

magħmula mill-imħarrkin tallum biex jieħdu lura f'idejhom ħanut f'Santa Vennera li kien mikri lil żewġ l-attriċi;

Illi wara li ngħatat is-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni, sar meħtieġ l-eżami ta' jekk l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq mill-attriċi waħedha kienx jiswa jew le. Kif imfassla, l-eċċezzjoni taħt eżami hija waħda li titkellem dwar in-nullita' ta' l-att taċ-ċitazzjoni: mhijiex eċċezzjoni dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ. Dan il-fatt jiddetermina l-għamla ta' indagni li tista' tagħmel din il-Qorti dwar l-eċċezzjoni taħt ezami;

Illi l-liġi tgħid li l-jedd li jitwettqu atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-miżżewwġin jew li wieħed jiġi mħarrek jew iħarrek dwar l-istess atti imissu liż-żewġ miżżewwġin flimkien[3]. Il-liġi tgħid ukoll b'mod tassattiv liema huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja[4]. Ta' min jgħid ukoll li, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar min għandu jidher f'kawża dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja, l-istess dispożizzjonijiet ma jgħidux li n-nuqqas ta' żewġ miżżewwġin flimkien f'xi att minn dak jew f'xi kawża dwar att bħal dak iġib dak l-att ma jiswiex. Għall-kuntrarju, il-liġi tipprovdi li f'sitwazzjoni bħal dik l-att ikun jiswa u jkun annullabbli (u mhux null) biss fuq talba għaldaqshekk minn dik il-parti miżżewġa li ma kenitx involuta fit-twettiq tal-att jew f'dik il-kawża[5];

Illi, waqt it-trattazzjoni tagħha bil-fomm quddiem il-Qorti dwar dan il-punt, l-abbli difensur tal-imħarrkin tenniet li l-azzjoni mressqa mill-attriċi taqa' sewwasew taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (ġ) u (m) tal-arrikolu 1322(3) tal-Kap 16. Minn dan hija tirraġuna li, għalhekk, l-attriċi ma setgħetx tressaq din il-kawża waħedha. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma. L-azzjoni li ressqet l-attriċi - jiġifieri dik li jiġi dikjarat li s-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera f'Jannar tal-2000 u konfermata mill-Qorti tal-Appell f'April ta' dik l-istess sena ma jorbtuhiex - la tista' titqies bħala att ta' "akkwist ta'... xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjeta' mobbli jew immobbli..." u wisq

[3] Art. 1322(2) tal-Kap 16
[4] Art. 1322(3) tal-Kap 16
[5] Ara Art. 1326 tal-Kap 16

anqas xi “att ta’ dikjarazzjoni magħmula i*nter vivos*” kif imfissra mil-liġi;

Illi l-każijiet li fihom il-liġi ssemmi ukoll meta u kif att ġudizzjarju ma jiswiex u meta u f’liema ċirkostanzi tista’ titressaq eċċezzjoni dwar is-siwi ta’ tali att huma wkoll tassattivament imfissrin fl-artiklu 789 tal-Kap 12. Fost dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi hemm dik fejn l-att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex għaliex in-nullita’ tkun iddikjarata mil-liġi espressament jew inkella għaliex l-att ikun nieqes minn xi partikolarita’ essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi. Jiġi osservat li m’hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi (la dik proċedurali u lanqas dik “sostantiva”) fejn jingħad li azzjoni jew kawża miftuħa minn jew kontra persuna miżżewġa trid tinfetaħ ukoll minn jew kontra l-parti l-miżżewġa l-oħra. Fit-tieni lok, m’hemm lanqas ebda dispożizzjoni li tgħid li n-nuqqas ta’ tismija ta’ isem ta’ xi sieħeb jew sieħba ta’ persuna miżżewġa fl-atti ta’ kawża jikkostitwixxi nuqqas ta’ partikolarita’ essenzjali f’dawk l-atti ġudizzjarji;

Illi għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li ma jistax jingħad li f’każ bħal dan tkun seħħet nullita’ fl-att gudizjarju imressaq minn miżżewweg wieħed li “hija ddikjarata mil-liġi espressament”[6]. L-attriċi, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet studjata tagħha, ssemmi għadd ta’ sentenzi mogħtija f’dawn l-aħħar żminijiet fejn eċċezzjoni bħal dik li għandha quddiemha il-Qorti llum ġiet meqjusa u kunsidrata. Din il-Qorti tasal biex taqbel ukoll mal-bixra ta’ ħsieb imfissra f’dawk is-sentenzi għaliex fil-fehma tagħha tagħti tifsira sewwa ta x’ried il-leġislatur meta tressqu l-bidliet fil-liġi Ċivili fis-sena 1993. B’zieda ma’ dan il-Qorti tgħid illi l-prinċipju li att gudizjarju jiġi salvat jekk ma jkunx tassew milqut minn nullita’ gravi u essenzjali għandu jipprevali fuq kull konsiderazzjoni ta’ teknikalita’ jew formalizmu;

Illi, b’żieda ma’ dan, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi fis-sens li, fil-każ partikolari, l-episodju mqanqal mill-imħarrkin jinkwadra

[6] Art. 789(1)(a) tal-Kap 12

ruħu f'konsiderazzjoni ta' integrita' ta' ġudizzju, imma ċertament mhux ta' nullita' ta' att ġudizzjarju;

Illi bil-kemm għandu għalfejn jingħad illi l-artikolu 789 nnifsu jipprovdi li l-eċċezzjoni tan-nullita' f'ċerti ċirkostanzi maħsuba fih xorta wahda ma tintlaqax jekk in-nuqqas jew ksur fl-att ġudizjarju li jkun jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.  Fi kliem ieħor, mhux kull nullita' ta' att ġudizjarju, jekk tirrizulta, ġġib magħha t-tħassir tiegħu;

Illi f'dan il-każ, għalhekk, anke kieku kellu jitqies li l-imħarrkin għandhom raġun jinsistu illi l-Att taċ-Ċitazzjoni kien jolqot għamil li l-liġi tqisu bħala wieħed ta' amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni ta' l-akkwisti, b'daqshekk biss ma jasalx biex jista' jingħad li l-att taċ-ċitazzjoni imressaq mill-attriċi waħedha ma jiswiex.  Dan qiegħed jingħad ukoll b'żieda mal-konsiderazzjoni illi l-mertu tat-talba attriċi jista' jkun kontradittorju mal-preżenza ta' żewġ l-attriċi fil-kawża meta dan ta' l-aħħar kien parti fil-kawża mibdija kontrih mill-imħarrkin tallum, u li l-attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li ma jorbtuhiex;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin bħala mhix mitħoqqa fil-liġi u fil-fatt u billi tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni mhuwiex null, u dan mingħajr pregudizzju għal kull eċċezzjoni oħra li tista' titressaq mil-konvenuti f'dan ir-rigward;

**Tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż** ta' din id-deċizjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------